MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Mandat Numru. 768/2011/1

**John Abela, Emanuel Abela u Anthony Abela**
**vs**
**Doris Abela**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tat-3 t'a Gunju 2011;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Gunju 2011 fejn laqghet provvizorjament it-talba tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimata li saret fit-22 ta' Gunju 2011;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-30 ta' Gunju 2011;

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob

il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikkorent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

It-talba tar-rikorrenti hi immirata biex izzomm lill-intimata milli tiddisponi mill-ishma Ordinarji ’D’ u ’E’ fis-socjeta’ Central Cement Limited (C6108). Huma jikkontendi li huma flimkien ma huhom Alfred, ir-ragel tal-intimata kienu jiggesstixxu flimkien negozji ta’ burdnara u haulage contractors u fost is-socjetajiet li kienu jiggesstixxu flimkien kellhom l-imsemmija kumpanija. Riferibbilment ghal din il-kumpanija r-rikorrenti jallegaw illi ghalkemm il-kumpanija kienet tappartjeni lilhom erbat ahwa, pero l-ishma kienu gew registrati f’isem huhom il kbir Alfred. Sakemm dam haj, id-dividends kienu jigu maqsuma bejn l-erbat ahwa. Dan l-arrangament kien maghruf kemm lill-intimata kif ukoll lill-awdituri tal-kumpanija. Wara li miet Alfred Abela fl-2003, u halla bhala eredi universali lill-intimata martu, hi kienet irrispettat inizjament l-arrangament li kien hemm bejn l-ahwa tant li kienet tqassam id-dividends fi kwoti indaqs pero wara xi zmien bdiet tinsisti li l-kumpanija tappartjeni lilha biss u ghalhekk r-rikorrenti kellhom jipprocedu gudizjarjament.

L-intimata rrispondiet illi hi taqbel li zewgha flimkien ma’ hutu kellu negozji li kienu f’ishma indaqs bejn l-ahwa kollha ghalkemm registrati
fuq zewgha biss pero dan ma jfissirx li kull negozju li kellu zewgha per forza kien bi shab ma’ hutu tant li l-kumpanija msemmija kienet tappartjeni biss lil zewgha u l-ishma

kienu kollha tieghu u hi kienet l-eredi tieghu. Hi taqbel li kienet ghaddiet xi dividends tal-kumpanija lir-rikorrenti izda dan sar ghaliex kienet imfixxkla bil-mewt ta’ zewgha u ffirmat kull ma gie mitlub minnha. Il-hlasijiet saru bi zball. Ziedet li is-sena l-ohra hi ttrasferiet l-ishma kollha fis-socjetajiet fuq uliedha.

Il-Qorti trid l-ewwel tiddetermina li r-rikorrenti ghadhom dritt prima facie ghal dak li qed jippretendu ghandu jigi protett b’dan il-mandat. L-ishma fis-socjeta’ Central Cement Limited, hu ammess li kienu gew registrati f’isem Alfred Abela ghalkemm mir-risposta tal-intimata ma jirrizultax car jekk l-ishma illum humiex registrati almenu in parti fuqha jew gewx trasferiti lil uliedha. Ma saret ebda prova a rigward. Jirrizulta mid-dokument fotokopja ST1 esibit waqt is-seduta tat-30 ta’ Gunju 2011 mir-rikorrenti, illi Alfred Abela iddikjara illi it-tmint elef sehem fil-kumpanija Central Cement Co. Limited jappartjenu lill-erbat ahwa Abela cioe hu u r-rikorrenti f’dan il-mandat fi kwoti indaqs bejniethom. Dan id-dokument hu fotokopja u bla data. Pero f’din l-istanza l-Qorti mhix tiddibatti il-mertu ta’ azzjoni izda biss il-protezzjoni ta’ jedd fuq bazi ’prima facie’ pendenti esitu fil-mertu.

Il-Qorti hi sodisfatta illi minn dawn il-provi u mill-ammissjoni mill-intimata li l-ahwa Abela kellhom negozju ta’ burdnara u haulage contractors gestit flimikien ghalkemm registrat fuq isem zewgha kif ukoll li fil-kaz tal-kumpanija mertu ta’ dan ir-rikors sar hlas ta’ dividends lir-rikorrenti mill-intimata (ghalkemm hu precizat u impregudikat li l-intimata qed tinsisti li kwlasiasi hlas sar bi zball) gie stabbilit il-jedd prima facie tar-rikorrenti li jipprotegu l-interessi taghhom fil-kumpanija Central Cement Limited kontra kull hsara li tista ssir fil-konfront taghhom mill-uzu tal-imsemmija ishma fosthom li l-intimata tiddisponi mill-ishma nfishom. Isegwi illi l-element tan-necessita li jigi mahrug il-mandat hu wiehed realment esistenti ghaliex minghajr l-hrug tal-mandat r-rikorrenti ma ghandhom ebda mezz biex jikkontrollaw l-uzu tal-ishma tal-kumpanija li kienu registrati f’isem Alfred Abela in parti allegatament qua prestanome ghar-rikorrenti. Hu car illi l-hsara li tista ssegwi jekk ma jinharigx il-mandat tkun

irrimedjabbli ghar-rikorrenti jekk l-ishma ikun jistghu jigu mibjugha, trasferiti jew altrimenti disposti b'mod li l-azzjoni attrici ghar-rikonoxximent tat-titolu taghhom jigi eluz.

Ghalhekk il-Qorti tilqa' it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimata milli tiddisponi bi kwalsiasi titolu, tbiegh jew tassenja id-disa mija u ghoxrin (920) sehem Ordinarju 'D' u sebat elef u tmenin (7,080) sehem Ordinarju 'E' fil-kumpanija Central Cement Limited (C6108), bl-ispejjez tenut kont tac-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------